MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 821/2010

**Christopher Grixti**

**Vs**

**Mario Salerno[1] u John Joseph Camilleri, rispettivament bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**

Il-kawza titratta dwar allegat rifjut tal-Kunsill konvenut milli jippermetti lill-attur milli jibni kjosk tal-fjuri f’Misrah il-Bajja,

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni fis-sens li l-isem Perit Graziella Galea jithassar u minflok u jigi sostitwit bl-isem Mario Salerno li llum jokkupa l-kariga ta’ Sindku tal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar.

Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar. L-attur qieghed jitlob lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara d-decizjoni tal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar li ma jatix permess biex jibni kjosk tal-fjuri f’Misrah il-Bajja, Bugibba, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, skond *full development permit* mahrug mill-MEPA, bhala *ultra vires* u li hinn mir-responsabbilta’ tal-Kunsill Lokali.
2. Tiddikjara li l-Kunsill Lokali responsabbli ghad-danni li qieghed isofri l-attur.
3. Tordna lill-Kunsill Lokali sabiex johrog il-permessi relattivi f’isem l-attur sabiex ikun jista’ jwettaq ix-xoghol mehtieg ta’ skavar u bini tal-kjosk tal-fjuri f’Misrah il-Bajja, Bugibba.
4. Tillikwida d-danni li sofra l-attur.
5. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar sabiex ihallas id-danni li jigu likwidati.

Il-Kunsill Lokali wiegeb li:-

1. M’huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. L-attur ghandu jghid x’azzjoni ghamel kontra l-Kunsill peress li r-rikors guramentat ma fihx raguni tat-talba.
3. Il-Kunsill Lokali qatt ma agixxa *ultra vires* u ma rrifjutax permessi.
4. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti jirrizulta li:-

1. Fl-10 ta’ Novembru 2006 l-attur iffirma kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet li bih inghata l-kirja ta’ porzjon art gewwa Misrah il-Bajja, Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar sabiex fiha jibni kjosk ghall-bejgh ta’ fjuri (fol. 9).
2. Fit-28 ta’ Dicembru 2006 l-attur applika mal-Awtorita Maltija dwar l-Ippjanar u Zvilupp ghall-permess sabiex jibni l-kjosk (8211/06).
3. Fit-28 ta’ Ottubru 2009 l-Awtorita harget permess ghall-bini tal-kjosk. Il-Kunsill Lokali appella. B’decizjoni tat-

8 ta' Marzu 2011 (fol. 87) it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar cahad l-appell u osserva: *"Mill-aspett ta' ippjanar, ma jidhirx li l-izvilupp propost u approvat ghandu jikkostitwixxi mpatt negattiv fuq il-lokalita'; anzi wiehed ghandu ragonevolment jippretendi li l-Kiosk tal-fjuri propost ghandu jikkontribwixxi b'mod pozittiv l-ambjent ta' Misrah il-Bajja, f'San Pawl il-Bahar."*.

4. Fil-11 ta' Jannar 2010 saret applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex ikun jista' jsir thaffir fis-sit in kwistjoni sabiex jinbena l-kjosk skond il-permess ta' zvilupp (applikazzjoni numru: 0033/2010). Il-Kunsill konvenut kien l-unika awtorita' li oggezzjona ghall-ghoti ta' permess ghat-thaffir fil-pjazza.

Mid-deposizzjoni li nghatat minn Mario Salerno[2], sindku attwali, jirrizulta li l-Kunsill ghadu qieghed joggezzjona li tinbena l-istruttura tal-injam fil-pjazza Misrah il-Bajja, ghaliex:

*"Fejn irid jaghmel il-kjosk l-attur hi l-qalba, ic-centru fejn jiltaqghu l-anzjani. Hemm resistenza kbira mir-residenti. Dan, jekk jinghata d-drit li jaghmel il-kiosk f'din il-pjazza, ser jispicca fin-nofs. Min-naha taghna l-importanza pero' hu li ma tigix okkupata l-pjazza bi strutturi. Hemmhekk hu l-qalba. Ahna anke fiz-zmien il-Milied ikollna bzonn naghmlu uzu minn din il-pjazza. Narmaw il-presepju u naghmlu attivitajiet. Il-Kunsill kien originarjament ghamel hsieb illi jaghmel il-flower kjosk hu. Wara li hargu l-permessi, ir-residenti ghamlu pressjoni fuq il-Kunsill biex dan il-progett ma jsirx. Fil-fatt gie skartat. Sabiex ikun jista' jaghmel ix-xogholijiet li ghandu bzonn biex itella' din l-istruttura, cioe' il-kiosk, irid jitlob il-permess tal-Kunsill ghaliex hemmhekk ghaddejjin ukoll servizzi taht l-art. Biex jifthu wicc l-art, iridu jitolbu il-permess tal-Kunsill. U dan ahna irrifjutajnieh."*[3].

---

[2] Seduta tat-30 ta' Novembru 2012.

[3] Fl-affidavit John Camilleri, segretarju ezekuttiv tal-kunsill, qal: *"Meta il-Kunsill ra li kien hemm opposizzjoni mill-pubbliku ghall-kostruzzjoni ta' kjosk tal-fjuri, kien gie deciz li dan il-Misrah jibqa' spazju miftuh ghall-uzu u tgawdija tal-pubbliku in generali u sabiex ikun hemm fejn jittellghu attivitajiet ta' divertiment u ta' wirjiet diversi kif fil-fatt dejjem sar u ghadu jsir sal-gurnata tal-lum. Ghalhekk, il-Kunsill Lokali rrinunzja kemm ghall-permess tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-*

Jidher li sal-lum id-diffikulta' li qieghed jiffacca l-attur sabiex ikun jista' jaghmel il-progett hi minhabba l-opposizzjoni li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar irregistra ma' Transport Malta. Jirrizulta ukoll li l-applikazzjoni li saret ma' Transport Malta sabiex isir xoghol ta' skavar fis-sit li d-Dipartiment tal-Artijiet ta' b'kera lill-attur, ma ntlaqatx. Mill-provi m'huwiex car jekk l-Awtorita' baghatitx tgharraf lill-attur li l-applikazzjoni tieghu kenitx giet michuda jew fin-nuqqas jekk dan huwiex kaz ta' *deemed refusal*. Mid-dokument *Action Trial Report for Permit Number 0033/2010* jirrizulta li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar oggezzjona ghall-ghoti ta' permess[4].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet[5] l-attur spjega li l-azzjoni hi bbazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, cjoe' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiv. L-attur qieghed isostni li l-Kunsill wettaq eghmil amministrattiv li hu *ultra vires*. Eghmil li l-ligi taghtih din it-tifsira:

*"il-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita."*.

Mid-definizzjoni tal-kelma **"triq"** fl-Artikolu 2 tal-Att Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) jidher li l-pjazza fejn l-attur irid jaghmel ix-xoghol tikkwalifika bhala tali. Irrizulta li x-xogholijiet li jrid jaghmel l-attur jehtiegu permess minghand Transport Malta u mhux minghand il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar (ara regolament 25 tal-Ligi Sussidjara 499.57[6]). Fil-fatt fil-11 ta' Jannar 2010 l-atturipprezenta applikazzjoni ma' Transport Malta biex

---

*Ippjanar kif ukoll ghall-koncessjoni li kien gie offrut mid-Dipartiment tal-Artijiet."* (fol. 64).

4 *"The St. Paul's Bay Local Council had already exposed its position when it instituted an appeal with MEPA that it is against any permit being given for the site in question and therefore objects to the requested being carried out."* (fol. 83).

5 Prezentata fid-29.08.2013. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut wiegeb.

6 New Roads and Road Works Regulations (Avviz Legali 29 tal-2010 li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2010).

ikun jista' jaghmel thaffir f'Misrah il-Bajja, San Pawl il-Bahar (fol. 97). Jirrizulta li din l-awtorita', fl-istadju ta' processar tal-applikazzjoni, tara jekk hemmx oggezzjoni minn entitajiet lokali, fosthom il-Kunsill Lokali tal-post fejn ikun intiz li jsir ix-xoghol. F'dan il-kaz il-Kunsill Lokali oggezzjona li jsir ix-xoghol. Is-segretarju tal-Kunsill Lokali xehed li *"Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar irrifjuta li jaghti din in-no objection ghal dan ix-xoghol a bazi tal-oggezzjoni li kellu ghal dan il-progett u a bazi tal-appell minnu inizjat quddiem il-Bord tal-Awtorita' Ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar….."* (fol. 65)[7]. Fil-principju l-qorti hi tal-fehma li din ir-raguni li wasslet lill-Kunsill biex jesprimi l-oggezzjoni tieghu ghal finijiet tal-applikazzjoni TP1 (*Trench Permit*), hi ghal kollox irrilevanti. Qieghed jinghad hekk ghaliex 'il fatt li jista' hemm oggezzjoni mir-residenti tal-lokalita' ghall-bini tal-kjosk fil-pjazza, m'ghandu jkollu l-ebda rilevanza jekk Transport Malta tatix permess sabiex jinghata permess biex isir l-iskavar. Kien il-Gvern li ta l-art lill-attur b'lokazzjoni sabiex fuqha jibni kjosk. Ovvjament sabiex tkun tista' tinbena din l-istruttura hemm bzonn li jsiru l-pedamenti. Ghalkemm il-Kunsill ta l-fehma tieghu dwar l-applikazzjoni li saret ma' Transport Malta, ma saret l-ebda riferenza ghal xi regolament li Transport Malta kienet marbuta mal-fehma li esprima l-Kunsill Lokali. Dan minkejja li l-perit Lorraine Cassar, ufficjali ta' Transport Malta, ikkonfermat[8] li l-applikazzjoni ghal Trench Permit titqassam *"[…] ma' entitajiet differenti, fosthom Kunsill tal-lokalita', entitajiet tas-servizzi kollha fosthom il-GO, Water Services Corporation. Ahna nistennew il-feedback minghand dawn l-entitajiet. Meta jkollna xi oggezzjona, permess ma nohorgux."*. It-*Trench Permit* jinhareg minn Transport Malta u mhux mill-Kunsill. Ghalhekk id-decizjoni tittiehed minn Transport Malta. Pero' jidher li l-prassi hi li l-Awtorita' taghti permess fejn l-entitajiet li tikkonsulta ma jirregistraw oggezzjoni ghax-xoghol propost. Ghalkemm hu evidenti li l-posizzjoni li ha l-Kunsill Lokali wassal lil Transport Malta sabiex ma tatix il-permess, ma jfissirx li fiha nnifisha l-posizzjoni li ha l-Kunsill jissarraf f'eghmil

---

[7] Il-Perit Graziella Galea xehedet: *"Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar irrifjuta li jaghti no objection ghal dan ix-xoghol a bazi ta' l-oggezzjoni li kellu ghal dan il-progett."* (fol. 86).

[8] Seduta tat-28 ta' Frar 2012 (fol. 95).

amministrattiv kif definit fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Id-decizjoni li ma jinghatax permess kienet ta' Transport Malta u mhux tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar. Fil-fehma tal-qorti l-attur ma kienx korrett meta fir-rikors guramentat ippremetta li l-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar irrifjuta l-permess lir-rikorrent sabiex isir thaffir f'Misrah il-Bajja[9]. Jekk kien hemm rifjut dan kien min-naha ta' Transport Malta, u li minnu skond ir-regolament 29 tal-Ligi Sussidjarja 499.57 hemm appell quddiem l-Administrative Review Tribunal imwaqqaf bl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva. Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-ilment kellu jigi ndirizzat fil-konfront ta' Transport Malta, cjoe' l-awtorita li ma tatx il-permess lill-attur sabiex ihaffer biex ikun jista' jaghmel il-pedament tal-kjosk li ghandu kull dritt li jibni. Il-konkluzjoni hi li l-Kunsill konvenut m'huwiex legittimu kontradittur gialadarba d-decizjoni jekk jinghatax permess jew le ghat-thaffir hi ta' Transport Malta.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-attur**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Paragrafi 12 u 14 tar-rikors guramentat jaqraw hekk:-
*"12. Illi r-rikorrent, permezz tal-kuntrattur tieghu, ipprezenta applikazzjoni fil-11 ta' Jannar 2010 gewwa l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, liema applikazzjoni hija tat-tip TP1 tat-Transport Malta (gja Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta), sabiex isir l-iskavar necessarju f'Misrah il-Bajja, Bugibba, sabiex il-kiosk tal-fjuri tar-rikorrent jigi mibni skond il-full development permit fuq imsemmi, liema applikazzjoni ghall-permess iggib in-numru 0033/2010 (Dok. CG8)…….*
*14.* ***Illi l-Kunsill intimat irrifjuta li jaghti tali permess lir-rikorrent."***
(enfazi tal-qorti, fol. 3).